sem&u

APRIL 2024
Ħarġa nru 26

*Is-Seminarju u Int*
Fuljett maħruġ tliet darbiet fis-sena mis-Seminarju Maġġuri tal-Qalb ta' Ġesù,
Triq Enrico Mizzi, il-Belt Victoria, Għawdex www.sacredheartseminary.org.mt
2155 6479 rector.seminary@churchingozo.mt

# L-GĦAXAR KMANDAMENTI GĦALL-PREFETT

Fil-kamra tiegħi tas-Seminarju hemm kwadru żgħir bl-għaxar kmandamenti għall-Prefett. Il-Prefett huwa kif kien jissejjaħ il-Viċi-Rettur sa ftit tas-snin ilu: dan kien il-Prefett tad-Dixxiplina, li xogħlu jgħix mas-seminaristi, jgħasses fuqhom, iżomm l-ordni, u jara li kulħadd jimxi mal-programm. Il-qassisin anzjani xħin jitkellmu fuq is-Seminarju isemmu spiss żewġ prefetti li qatt ma nsewhom: Dun Klement u Dun Luċjan. Maż-żmien il-mudell tal-formazzjoni tas-seminaristi beda jevolvi bil-mod il-mod u għalhekk il-Prefett beda jissejjaħ Viċi-Rettur: fl-istess ħin beda jinbidel ukoll ix-xogħol tiegħu u dak li hu mistenni minnu.

Bħala guidelines għall-ħidma tal-Viċi-Rettur, xi ħadd kiteb xi darba dawn l-għaxar kmandamenti. Jien niftakarhom hemm, fl-istess kwadru, minn meta kont seminarista: xi ħadd qalli li kien kitibhom Dun Mikiel Attard għal xi ħadd mill-Prefetti fiż-żmien twil li kien għamel bħala Direttur Spiritwali tas-Seminarju. Dan l-aħħar għajnejja ta' spiss qed jaqgħu fuqhom u nieqaf ftit fuq xi wieħed minnhom. Forsi mhumiex mill-iktar aġġornati mil-lat pedagoġiku u psikoloġiku, żgur li jekk niġu biex niktbu xi verżjoni ġdida llum xi affarijiet ikunu differenti; hemm xi affarijiet li ma nħosshomx jgħoddu għalija. Imma xorta nħoss li għadhom guidelines, l-istess bħall-għaxar kmandamenti (jew kelmiet) l-oħra li dan l-aħħar reġgħu saru popolari.

Hawn huma:

1. Qis li dak li tgħid ikun ħaj, interessanti u prattiku.
2. Kun iktar minn sempliċi superjur tas-seminaristi; kun ħuhom. Ħu paċenzja bihom. Mhux huma qegħdin hemm għalik imma int għalihom. Aħseb f'dan, l-aktar meta l-ħidma tiegħek tiltaqa' mat-tfixkil.
3. Il-prattika tagħmel perfett. Mela ħu paċenzja bik innifsek.
4. Kun imfawwar b'dak li tixtieq tagħti. Qis li jkollok iżjed milli tagħti.
5. Ħejji kollox bl-għaqal, mhux bl-istudju biss, imma wkoll bit-talb u l-meditazzjoni. Intefa' għax-xogħol tiegħek bil-paċi f'qalbek.
6. Fi tmiem il-jum, agħmel eżami fuq is-suċċess jew il-falliment tiegħek. Sib ir-raġunijiet għat-tnejn. Tantx tkun ħafif biex tikkuntenta lilek innifsek.
7. Tistrieħx biss fuq il-personalità tiegħek u lanqas fuq il-metodi biss. Jekk trid tkun prefett li tagħmel suċċess, qiegħed lilek innifsek taħt id-dixxiplina tal-metodu; madanakollu ftakar li mhux il-metodu li jgħallem imma l-personalità li tħaddmu.
8. Kun dejjem ferħan u uri ħbiberija ma' kulħadd. Fittex li tagħmel mis-seminaristi nsara ferħana. Ħadd ma jista' jittama aħbarijiet tajba minn wieħed qalbu sewda.
9. Kun umli. Int qiegħed minflok Kristu. Mela qatt tfittex lilek innifsek. Int m'int xejn. Kristu huwa kollox.
10. Int dak li jieħu ħsieb il-ġnien. Iż-żrigħ u t-tkattir huwa xogħol ta' Wieħed akbar minnek. Mela, agħmel il-parti tiegħek u ħalli l-bqija f'idejn Alla.

Insomma, f'erba' kelmiet: paċenzja, paċi, ferħ u umiltà, flimkien mal-kmandament il-kbir; li dawk kollha involuti fil-formazzjoni ikunu qalb waħda u moħħ wieħed u jaħdmu flimkien. Grazzi lil dawk kollha li jsostnu l-missjoni moħbija tagħna bit-talb u bl-offerti (spiritwali u materjali tagħhom).

*Dun Gabriel Gauci*

Jekk tixtieq tgħin lis-Seminarju jkompli bil ħidma tal-missjoni tiegħu tista' jew tgħaddi d-donazzjoni tiegħek ma' xi saċerdot inkella permezz ta' bank transfer:
APS Account Number: 2000162755-8
IBAN Number: MT27APSB77035008161820001627558

**GRAZZI TAL-ĠENEROŻITA' TIEGĦEK!**

# NILTAQGĦU MA' TAL-EWWEL SENA

**X'kont taħdem/tistudja qabel ma dħalt is-Seminarju?**

Learning Support Educator

Computing and Business

**X'kienet dik il-ħaġa li mbuttatek biex tagħmel din l-għażla f'ħajtek?**

Kienu diversi l-mumenti li xprunawni biex nasal li nagħmel din l-għażla. Però kien hemm ukoll żmien ta' dixxerniment, b'għajnuna minn diversi persuni, li għinuni mhux ftit sabiex nagħmel din l-għażla.

Snin twal ta' dixxerniment, iggwidat minn persuni li nafda u l-esperjenzi kollha li għaddejt minnhom. Ma kienx hemm esperjenza waħda, sabiħa jew diffiċli, li ma għenitx biex wasalt hawn illum.

**Ferħan bl-għażla li għamilt?**

Inħossni ferħan iva, għaliex din żgur li mhijiex għażla tiegħi biss, imma hija wkoll għażla ta' Alla li nħoss li qed isejjaħli għal din il-mixja. Jalla nkompli nagħraf dejjem aktar dak li l-Mulej irid minni, biex jiena nkun nista' naqdih bl-aħjar mod possibbli.

Iva. Bħala seminarista, hawn fis-Seminarju għandi l-opportunità li nkompli niskopri s-sejħa tiegħi u nitgħallem ħafna dwari nnifsi, apparti mill-opportunità li niltaqa' ma' ħafna nies ġodda, nismagħhom, ngħinhom u naħdmu id f'id.

**Xi esperjenza sabiħa jew importanti għalik minn meta dħalt fis-Seminarju**

L-importanza li nkun f'kuntatt ma' sħabi s-seminaristi stess, u li nkun f'parroċċa differenti minn dik tal-oriġini tiegħi, fejn niltaqa' ma' realtajiet differenti ta' kif tiffunzjona parroċċa. Bħalissa ninsab fil-Parroċċa tal-Munxar u għalhekk huma diversi l-mumenti sbieħ li qiegħed ngħix hemm mad-diversi gruppi li niltaqa' magħhom, fosthom l-abbatini, il-Leġjun ta' Marija u l-adolexxenti li qed jippreparaw għall-Griżma tal-Isqof.

Iva, il-perjodu ta' eżamijiet li għadda. Le, niċċajta, bil-kuntrarju, esperjenza sabiħa li għext kienet fi żmien ftit iktar ħafif mill-istudju, l-esperjenza tas-sajf li għadda, li qattajt ngħin ftit fis-Summer Club tal-Oratorju Don Bosco.



**Jeremy Scicluna, 26 sena**

**Jamie Buttigieg, 22 sena**

# MILL-GĦATBA 'L ĠEWWA...

**Is-Sibt 6 ta' Jannar** is-seminaristi attendew flimkien mal-kleru Għawdxi għal-Laqgħa tal-Awguri tal-Isqof fil-bidu ta' sena ġdida.

**It-Tnejn 8 ta' Jannar** is-seminaristi rritornaw lura s-Seminarju wara waqfa għall-vaganzi tal-Milied.

**It-Tlieta 9 ta' Jannar** id-djaknu Franklin Micallef ippreżenta t-talba tiegħu għall-Presbiterat.

**Il-Ġimgħa 12 ta' Jannar** il-komunità tas-Seminarju kellha laqgħa ma' Dr Nicholas Briffa, psikologu, li tkellem dwar *il-pornifikazzjoni tas-soċjetà*.



**Is-Sibt 13 ta' Jannar** is-seminaristi attendew għal simpożju dwar il-mużika u l-liturġija, immexxi minn Mons. Valentino Miserachs, li sar fis-Sala tas-Seminarju stess, organizzat mill-kor Gaulitanus.



**Il-Ħadd 21 ta' Jannar** Jum il-Kelma ta' Alla, is-seminaristi Samuel Aquilina u Marlon Victor Bajada ġew mogħtija l-ministeru tal-lettorat mill-Isqof Anton Teuma, fil-Knisja Parrokkjali tal-Munxar.



**It-Tlieta 23 ta' Jannar** is-seminaristi bdew l-eżamijiet li spiċċaw nhar il-Ġimgħa ta' Frar.

**Il-Ħamis 25 ta' Jannar** is-seminaristi animaw siegħa adorazzjoni fil-knisja Ta' Savina fit-15:00.



**Bejn is-Sibt 3 u s-Sibt 7 ta' Frar** is-seminaristi qattgħu jiem ta' mistrieħ flimkien fi tmiem l-ewwel semestru.



**It-Tlieta 13 ta' Frar** il-Viċi-Rettur mexxa ċ-ċelebrazzjoni tat-Tħabbira tar-Randan li kienet tinkludi wkoll Lectio Divina fuq il-Vanġelu tal-Ewwel Ħadd tar-Randan.

Matul iż-żmien tar-Randan il-komunità kellha mumenti partikulari ta' talb, sawm u karità bl-għan li kull seminarista jgħix dan iż-żmien ta' konverżjoni u tiġdid. Waħda mill-inizjattivi kienet li matul dan iż-żmien is-seminaristi marru jżuru lil xi saċerdoti anzjani jew morda li jinsabu fi djarhom waħedhom jew li ma tantx għadhom joħorġu.

**Bejn it-Tlieta 5 u l-Ġimgħa 15 ta' Marzu** s-seminaristi stiednu lill-gruppi tal-abbatini tal-parroċċi kollha li ngħaqdu magħhom għall-adorazzjoni fis-7pm u wara baqgħu magħhom għall-ikel.



**It-Tnejn 11 ta' Marzu** ġiet iċċelebrata Quddiesa tfakkar it-38 anniversarju tad-dedikazzjoni tal-Kappella tas-Seminarju, li ħabat nhar il-Ħadd 10 ta' Marzu.

**It-Tnejn 18 ta' Marzu** ġie ċċelebrat is-sagrament tal-Qrar waqt il-ħin ta' riflessjoni wara l-Lectio Divina.

**It-Tlieta 19 ta' Marzu** ġiet iċċelebrata s-solennità ta' San Ġużepp. Filgħaxija r-Rettur mexxa l-quddiesa tas-solennità li fiha s-seminarista Samuel Aquilina wassal ħsieb wara t-tħabbira tal-Vanġelu.



**L-Erbgħa 20 ta' Marzu** d-direttur spiritwali mexxa korrezzjoni fraterna bejn is-seminaristi.

**Il-Ħamis 21 ta' Marzu** l-komunità tas-Seminarju talbet il-Via Crucis u ċċelebrat il-quddiesa fuq l-Għolja t'Għammar.



**Mill-Ħadd 24 sal-Erbgħa 27 ta' Marzu** sar l-irtir tal-Ġimgħa Mqaddsa li tmexxa minn Dun Karm Gauci f'dar Lourdes tas-Sorijiet Dumnikani, f'Għajnsielem.

Is-seminaristi rritornaw is-Seminarju wara l-waqfa tal-vaganzi tal-Għid nhar it-Tnejn 8 ta' April.